# *KUNSILL LOKALI MARSA*

*Minuti tat-Tielet laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 25 ta' April 2012 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fis-Sebgħa w nofs ta' filgħaxija (7.30pm)*

***Preżenti***

| | |
|---|---|
| Is-Sur Christopher Spiteri | Sindku |
| Is-Sur Francis Debono | Viċi Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Buħagiar | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Noel Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |

## *1. Talba.*

Is-Sindku s-Sur Christopher Spiteri qal it-talba.

## *2. Audited Financial Statements 2011.*

2.1 Is-Sindku s-Sur Christopher Spiteri talab lill-Awditur tal-Kunsill sabiex jispjega l-emendi rikjesti mill-Awdituri tal-Gvern. Hu beda jispjega fejn qal li l-emendi rikjesti huma aktar kosmetiċi bħal per eżempju l-konsum ta' l-eletriku ta' Ġnien 6 t'Awissu li skond il-Kunsill ipprovda tajjeb, l-Awditur tal-Gvern qed jitlob li dan l-ammont jonqos minħabba li skond dan ta' l-aħħar il-Kunsill provda wisq filwaqt li fuq il-kera ta' l-arja tal-Bini il-Kunsill għamel stima li tkopri mis-sena 2010 sas-sena 2011 iżda l-invoice li waslet mill-Lands Department wara li saru l-Financial Statements kienet inqas minn dak provdut u l-Awdituri tal-Gvern qed jitolbu li l-istima tal-Kera tonqos. Dan ma jagħmilx sens minħabba li l-invoice ma tkoprix il-perjodu ta' bejn il-15 ta' Marzu u l-31 ta' Diċemrbu iżda la darba l-Awdituri tal-Gvern qed jitolbu dawn l-aġġustament il-Kunsill ħejja dawn il-Financial Statements b'dawn l-aġġustamenti kif mitlub fost l-oħrajn.

2.2 Is-Sur Noel Scerri saqsa għaliex l-Awtoritajiet qed jitolbu l-approvazzjoni ta' dan ir-rapport mill-Kunsill f'dan iż-żmien hekk qasir. Ġie spjegat lill-Kunsill, li l-Kunsill kien ħejja l-Financial Satements nhar l-Erbgħa 15 ta' Frar 2012 kif rikjest skond Memo 101/2011 u l-Kunsill ġie marbut li jibagħathom lill-Awditur Ġenerali kif fil-fatt għamel qabel ma jiġi awditjat. Għalhekk issa l-Financial Statements ġew verifikati mill-Awditur tal-Gvern il-Kunsill irid japprovhom sa mhux aktar tard minn l-Erbgħa 2 ta' Mejju 2012. B'hekk qed issir din il-laqgħa sabiex jiġu approvati l-aġġustamenti kif proposti mill-Awditur tal-Gvern.

2.3 Wara li ħadd ma kellhu kummenti u suġġerimenti aktar fuq dan ir-rapport, is-Sindku ppropona li l-Kunsill japprova dan ir-rapport kif ippreżentat. Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Is-Sur Francis Debono talab li jitniżżlu l-ismijiet tal-Kunsilliera u l-vot. Is-Sindku s-Sur Christopher Spiteri, l-Viċi Sindku s-Sur Francis Debono u l-Kunsilliera s-Sur Josef Azzopardi, s-Sur Anthony Buħagiar, is-Sur Joseph Grima, s-Sur Noel Scerri u s-Sur Dominic Spencer ivvotaw favur. Ħadd ma kien kontra.

## 3. ***Żviluppi fuq il-proġett ta' l-Underbypass fi Triq Diċembru 13.***

3.1 Is-Sindku s-Sur Christopher Spiteri nforma lill-Kunsill li wara taħdidiet mat-Transport Malta, waqt laqgħa li saret illum ma l-Ing. Luciano Sanna li huwa responsabbli mill-Proġett fi Triq Patri Felician Bilocca, l-Kunsill ġie nfurmat b'mod verbali li din it-triq ser tkun lesta bl-ewwel fażi tat-tarmak mija fil-mija sas-26 ta' Mejju. Huwa kompla jgħid li Transport Malta aċċettat li t-toqob ta' l-armar ser isiru mill-istess Awtorita' u tiġa ġew individwati flimkien mall-kuntrattur u ma rappreżentanti ta' l-Għaqda Festi Esterni Ssma Trinita'fejn dawn għandhom isiru mill-ġdid. Is-Sur Dominic Spencer saqsa lis-Sindku kif hu ma kienx infurmat b'din il-laqgħa li għaliha skond informazjoni mogħtija mill-istess Sindku attendew xi rappreżentanti ta' l-Għaqda meta hu l-Kunsillier responsabbli mill-Għaqdiet u dan id-dekasteru ġie mgħoti lilu mill-istess Sindku.

3.2 Is-Sur Dominic Spencer qal li skond l-informazzjoni mgħotija mis-Sindku s-Sur Christopher Spiteri, id-data tas-26 ta' Mejju biex Triq Patri Felician Bilocca tkun lesta mhux aċċettabbli mill-Kunsill. Is-Sur Noel Scerri qal li sabiex jitpoġġew mitejn metru ta' kanen tad-dranaġġ f'dan il-proġett, ilhom aktar minn ħames xhur. Is-Sindku wieġeb għall-affermazzjoni tas-Sur Dominic Spencer fejn qal li l-laqgħa mall-President ta' l-Għaqda Ssma Trinita' ma kienitx waħda formali iżda fuq il-post mall-Kuntrattur tat-Transport Malta sabiex jiġi kkonsultat dwar fejn ser isiru t-toqob tal-festa, filwaqt li skuża ruħu li ma nfurmahx u assigurah li din ma saritx b'intenzjoni.

3.3 Is-Sur Francis Debono talab lill-Kunsill jieħu pożizzjoni fuq din il-materja u ppropona li l-Kunsill qed jesiġi li s-26 ta' Mejju hija data mhux aċċettabbli minħabba l-preparamenti tal-Festa tas-Ssma Trinita' u qed jappella lit-Transport Malta sabiex jekk il-proġett ma jitlesthiex sa l-aħħar t'April li wara kollox meta l-Kunsill kellhu d-diskussjonijiet qabel ma nbeda l-istess proġett, it-Transport Malta kienet qed tipproġetta li x-xogħol fi Triq Patri Felician Bilocca jitlesta sa l-aħħar ta' Marzu u assigurat lill-Kunsill li mhux ser tiġi affetwata l-Festa. Il-Kunsill għandu jobbliga lill-Transport Malta sabiex tagħlaq it-triq bit-tarmak u wara l-festa terġa' tiftaħ it-triq u jitkompla l-proġett. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

3.4 Is-Sindku s-Sur Christopher Spiteri talab li ssir laqgħa urġenti oħra għada l-Ħamis 26 t'April 2012 fis-sebgħa w nofs ta' filgħaxija (7.30pm) wara l-laqgħa li l-Kunsill ser ikollhu mat-Transport Malta f'nofs inhar. Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Il-vot kien unanimu.

Il-Laqgħa spiċċat fit-tmienja w kwart ta' filgħaxija (8.15pm)

Christopher Spiteri
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv